IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.9.2021
COM(2021) 583 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

L-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi (l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2019/1241)

{SWD(2021) 268 final}

1. Daħla

Fl-14 ta' Awwissu 2019, daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] ("ir-Regolament"). Dan jistabbilixxi l-miżuri tekniċi ta' konservazzjoni tal-UE li jirregolaw kif, fejn u meta jista' jsir is-sajd.

L-għan ta' dawn il-miżuri tekniċi huwa li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika komuni tas-sajd ("PKS") [kif iddefinit fir-Regolament 1380/2013[2] ("ir-Regolament dwar il-PKS")] u li jikkontribwixxi għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb kif stabbilit fid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina ("MSFD")[3] u d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi dwar l-Għasafar[4] u l-Ħabitats[5]. Is-sajd b'rendiment massimu sostenibbli b'miżuri tekniċi xierqa jservi biex jiżdied ir-rendiment mill-istokkijiet tal-ħut fil-mira filwaqt li jitnaqqsu l-qabdiet (sekondarji) mhux mixtieqa u l-impatti fuq il-ħabitats sensittivi, jew permezz ta' selettività tad-daqs (l-evitar ta' ħut żgħir) jew is-selettività tal-ispeċijiet (l-evitar ta' ċerti speċijiet). Il-miżuri huma ċentrali biex tiġi implimentata b'mod effettiv il-politika tal-UE dwar l-iskartar tal-ħut u l-obbligu ta' ħatt l-art. L-Istati Membri u l-operaturi[6] jenħtieġ li jipprijoritizzaw l-għażla ta' rkaptu u ta' tekniki tas-sajd aħjar biex jevitaw u jnaqqsu, kemm jista' jkun, il-qabdiet mhux mixtieqa.

Ir-Regolament introduċa approċċi appoġġati mir-"reġjonalizzazzjoni" bbażati fuq ir-riżultati. Dan stabbilixxa r-regoli ġenerali li japplikaw għall-ilmijiet kollha tal-UE u jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri tekniċi li jirrispondu għall-ispeċifiċitajiet reġjonali tas-sajd. Dan l-approċċ ta' reġjonalizzazzjoni bbażat fuq ir-riżultati huwa maħsub skont il-PKS sabiex it-teħid ta' deċiżjonijiet jinġieb eqreb lejn is-sajjieda. Lill-Istati Membri u lis-settur tas-sajd jipprovdilhom ukoll inċentiv biex ikollhom rwol attiv fil-ħolqien u fl-implimentazzjoni tagħha.

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE
ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22-61

[3] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

4 Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25).

5 Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7–50).

[6] Kif iddefinit fl-Artikolu 4(1)30 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22-61)

F'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament, dan ir-rapport jirrieżamina kif qiegħed jiġi implimentat bħalissa r-Regolament. Dan l-ewwel rapport kellu jsir sal-31 ta' Diċembru 2020, iżda ġie pospost minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Ir-rapport jinkludi l-aħħar parir xjentifiku disponibbli.

Dan ir-rapport ġie ppubblikat sentejn biss wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Minħabba l-perjodu qasir ta' żmien li għadda bejn l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ, il-ġbir tad-*data* u l-valutazzjoni xjentifika u teknika, ma kienx possibbli jiġi vvalutat għalkollox laħaqx l-objettivi tiegħu fil-livell reġjonali jew tal-UE r-Regolament. Għalhekk, dan l-ewwel rapport jiffoka fuq l-analiżi:

- tal-impatt tal-miżuri tekniċi preċedenti;
- tas-sitwazzjoni attwali; u
- tal-azzjonijiet ippjanati għall-futur qrib biex jiġi implimentat ir-Regolament.

Ir-rapport attwali, filwaqt li jwieġeb għall-mandat tal-Artikolu 31(1) tar-Regolament, jippreżenta wkoll il-bażi li skontha l-PKS se tikkontribwixxi għall-"Pjan ta' Azzjoni għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar" (minn hawn 'il quddiem "il-pjan ta' azzjoni") kif tħabbar fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030[7]. Huwa se jindika dawk l-oqsma li fihom huma meħtieġa aktar sforzi.

2. Sorsi ta' informazzjoni

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u kontribuzzjonijiet mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF")[8] u mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ("ICES")[9]. Huwa jqis bis-sħiħ il-fehmiet u l-opinjonijiet li waslu minn 23 Stat Membru, 8 Kunsilli Konsultattivi[10] u 37 parti interessata permezz ta' konsultazzjoni online mmirata[11]. Deskrizzjoni dettaljata tal-kontribuzzjonijiet xjentifiċi u tal-eżiti tal-konsultazzjoni hija pprovduta fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport.

[7] KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna. COM/2020/380 final

[8] https://stecf.jrc.ec.europa.eu/web/stecf/ewg2002

[9] https://www.ices.dk/news-and-events/news-archive/news/Pages/InnovativeFishingGear.aspx

[10] https://ec.europa.eu/fisheries/partners/advisory-councils_mt

[11] https://ec.europa.eu/info/consultations/targeted-stakeholder-consultation-technical-measures-regulation-fisheries_mt

3. Kejl tal-progress

Il-ġestjoni bbażata fuq ir-riżultati flimkien mal-partijiet ikkonċernati attivi u l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri teħtieġ li r-riżultati jiġu mmonitorjati, imkejla u segwiti b'miżuri tekniċi riveduti żviluppati maż-żmien. Ir-regolamenti preċedenti ma kinux jinkludu metriċi biex jitkejjel l-impatt u s-suċċess tal-implimentazzjoni tal-miżuri tekniċi[12]. Dan ifisser li ma kienx possibbli li jiġi ddeterminat fid-dettall kif il-miżuri tekniċi kkontribwew għall-objettivi msemmija hawn fuq.

L-aħħar analiżi xjentifika mwettqa mill-STECF[13] tindika li kien hemm xejra bil-mod u gradwali ħafna lejn il-qbid ta' proporzjon akbar ta' ħut kbir.–Filwaqt li studji sperimentali wrew li tista' tinkiseb selettività mtejba bl-użu ta' rkaptu tas-sajd partikolari f'kundizzjonijiet ikkontrollati, kien diffiċli li jiġu stabbiliti rabtiet kawżali diretti bejn l-applikazzjoni ta' regolamenti partikolari dwar l-irkaptu tas-sajd, bidliet fl-irkaptu tas-sajd użat, u s-selettività tad-daqs ġenerali tal-flotot tas-sajd. Ma teżistix *Data* fuq skala fina biżżejjed li tista' tidentifika tali rabtiet. Barra minn hekk, huwa maħsub li l-fatturi operazzjonali (l-għażla ta' fejn u meta jsir is-sajd, u d-dettalji fini tal-immanuvrar tal-irkaptu) ukoll għandhom effetti kbar fuq is-selettività li mhumiex irregolati minn obbligi regolatorji.

Ir-Regolament, li jħares lejn approċċi aktar ibbażati fuq ir-riżultati għad-definizzjoni ta' miżuri, jinkludi miri għal miżuri tekniċi biex:

- inaqqsu qabdiet mhux mixtieqa (speċjalment ta' speċijiet sensittivi);
- jottimizzaw ix-xejriet tal-isfruttament;
- jikkontribwixxu għal rendimenti mtejba; u
- jiżguraw li l-impatti tas-sajd fuq il-ħabitats ta' qiegħ il-baħar ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE.

Il-ħtieġa ta' metodi mtejba biex titkejjel is-selettività u l-effetti tagħha ssir aktar evidenti u urġenti. L-effettività tista' tiġi vvalutata biss permezz ta' riżultati viżibbli: aktar protezzjoni tal-ħut li għadu qed jikber, taż-żoni ta' riproduzzjoni, qabdiet inċidentali aktar baxxi ta' speċijiet tal-baħar sensittivi, inqas impatti ambjentali negattivi u kontribuzzjonijiet pożittivi għal-leġiżlazzjoni ambjentali. Dawn il-metodi ta' kejl iservu żewġ skopijiet: (i) l-evalwazzjoni preliminari tar-riżultati potenzjali mill-miżuri proposti u żviluppati, u (ii) il-valutazzjoni tal-miżuri f'termini tar-riżultati miksuba minn tali miżuri.

[12] COM(2016) 134 final tal-11.3.2016.
[13] STECF 20-02. (https://stecf.jrc.ec.europa.eu/web/stecf/ewg2002)

Is-selettività tiġi ddeterminata kemm mit-tip ta' rkaptu tas-sajd li qed jintuża kif ukoll mill-mod kif jintuża mill-kaptani tas-sajd u mis-sajjieda fir-rigward tal-post, l-istaġun, il-ħin tal-ġurnata, il-veloċità u għażliet operazzjonali oħrajn. It-titjib tas-selettività jiddependi mhux biss mill-użu ta' leġiżlazzjoni biex tinbidel l-istruttura tal-irkaptu tas-sajd iżda wkoll mill-użu ta' leġiżlazzjoni biex jinħolqu inċentivi għas-sajjieda biex joperaw l-irkapti bi prattiki aħjar. Dan ifisser li huma meħtieġa metodi mtejba ta' monitoraġġ tas-selettività, billi jitkejlu b'mod aktar preċiż il-kwantitajiet ta' ħut żgħir jew ta' speċijiet sensittivi li jinqabdu. Il-metodi ta' monitoraġġ attwali pprovdew biss *data* adegwata biex l-STECF jevalwa x-xejriet wesgħin fis-selettività tad-daqs f'segmenti kbar tal-flotta. Fil-pjan ta' azzjoni tagħha li jmiss, il-Kummissjoni se tikkunsidra li tirrakkomanda lill-Istati Membri l-mezzi addizzjonali għall-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa biex din il-politika tirnexxi.

4. Kontribut għall-ilħuq tal-objettivi ambjentali tal-UE

Jeħtieġ ukoll li l-miżuri tekniċi jikkontribwixxu għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb stabbilit fl-MSFD. Miżuri mmirati lejn il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fil-qafas tal-PKS, li jikkontribwixxu wkoll għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE. Il-koerenza mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE hija meħtieġa fil-PKS u r-Regolament jiżviluppa l-miri stabbiliti fih.

Qed jiġu żviluppati miri ambjentali kwantitattivi taħt l-MSFD, iżda l-biċċa l-kbira tal-objettivi ambjentali għadhom kwalitattivi, pereżempju l-"istat ta' konservazzjoni favorevoli" msemmi fl-Artikolu 1(e) u fl-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats.

Ir-rispons mill-konsultazzjonijiet jikkonferma li hemm bżonn taż-żmien biex ir-Regolament (li jikkonsolida u li jissostitwixxi aktar minn 30 Regolament preċedenti) jiġi adattat u jimxi minn regoli preskrittivi għal miżuri adattati għar-reġjuni permezz tal-proċess ta' reġjonalizzazzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-Kunsilli Konsultattivi, il-partijiet ikkonċernati u l-STECF ikkonfermaw li għadu kmieni wisq biex jitkejjel l-effett tar-Regolament. Il-biċċa l-kbira tal-NGOs huma tal-fehma li r-Regolament ma tax kontribut għall-objettivi u għall-miri u ma rnexxilux jipprevjeni l-impatti ambjentali negattivi tas-sajd. Dawn il-partijiet ikkonċernati jippromwovu wkoll approċċ ibbażat fuq ir-riżultati hawnhekk, aktar allinjat mal-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030.

Is-sajd huwa pressjoni ewlenija li taffettwa lill-ekosistemi, lill-ispeċijiet sensittivi u lill-impatti fuq qiegħ il-baħar. Rieżami riċenti mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri[14] kkonkluda li t-telf tal-ħabitat u tad-diversità tal-baħar għadu sfida. Il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti tal-Awdituri li tenħtieġ aktar azzjoni, u hija tal-fehma li biex dan jinkiseb huwa kruċjali l-iżvilupp ta' miżuri tekniċi xierqa skont ir-Regolament.

F'dan ir-rapport, **l-ispeċijiet sensittivi** jinkludu dawk protetti skont il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-ftehimiet internazzjonali li jorbtu lill-UE, bħad-dniefel, il-foċeni, l-għasafar tal-baħar, il-klieb il-baħar u xi speċijiet ta' ħut u ta' fkieren li huma taħt theddida immedjata ta' estinzjoni. Ħafna ħut kbir, ħut li jikber bil-mod u annimali oħra issa huma estinti f'partijiet kbar tal-

[14] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (2020). Ambjent tal-baħar: il-protezzjoni tal-UE hija wiesgħa iżda ma tmurx biżżejjed fil-fond. Rapport speċjali.

medda preċedenti tagħhom, u oħrajn huma f'periklu kritiku[15]. Is-sajd jista' jkun theddida kbira għal dawn l-ispeċijiet, u f'xi każijiet, il-miżuri tekniċi jistgħu jgħinu biex tittaffa din it-theddida. Hemm evidenza kbira ta' qabdiet inċidentali tal-ispeċijiet li ġejjin. Pereżempju , l-għasafar tal-baħar jistgħu jinqabdu u jegħrqu f'operazzjonijiet ta' sajd bil-konz jew f'għeżula kostali. Il-foċeni u d-dniefel jistgħu jinqabdu wkoll fl-għeżula kif ukoll f'irkaptu tat-tkarkir (pelaġiku). Il-fkieren jinqabdu fl-għeżula u jistgħu jeħlu mal-konzijiet tal-wiċċ, il-klieb il-baħar tal-fond jinqabdu f'konzijiet u f'għeżula, klieb il-baħar pelaġiċi kbar jinqabdu fis-sajd bil-konz għat-tonn. Klieb il-baħar, raj u rebekkini żgħar jinqabdu f'irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ minħabba li huma kbar.

Xi każijiet ovvji li huma f'riskju ta' estinzjoni huma magħrufa, iżda l-għarfien ġenerali dwar il-qabdiet inċidentali ta' speċijiet sensittivi mhuwiex biżżejjed biex jiġu stmati b'mod preċiż l-impatti ta' tali qabdiet. L-STECF[16] identifika x-xbieki statiċi kostali (l-għeżula u l-pariti) bħala dawk li għandhom l-akbar impatt u l-aktar impatt mifrux fuq speċijiet sensittivi, irrieżamina metodi biex jitnaqqsu dawn il-qabdiet inċidentali u identifika firxa ta' miżuri possibbli bħall-għeluq staġunali, l-użu ta' apparat akustiku deterrenti u ta' lettijiet bl-infafar. Ir-Regolament għadu jipprojbixxi l-użu tal-għeżula tat-tisqif u jirrestringi l-użu ta' tipi oħra ta' rkaptu li għandhom impatt negattiv magħruf fuq l-ambjent, u huwa bbażat fuq il-miżuri li qabel kienu previsti fir-Regolament imħassar dwar iċ-Ċetaċji[17], fosthom l-obbligi ta' monitoraġġ li kienu maħsubin biex jikkomplementaw l-ġbir aktar komprensiv tad-*data* fil-qafas tal-ġbir tad-*data* tal-imgħoddi[18] (li fih id-*data* dwar il-qabdiet inċidentali hija parti minn eżerċizzju ta' ġbir ta' *data* ħafna akbar u iktar komprensiv). Instab li dan il-monitoraġġ immirat taċ-ċetaċji huwa diffiċli u hemm tħassib ċar dwar l-effettività tiegħu[19]. L-ammont ta' qabdiet inċidentali għadu fil-biċċa l-kbira mhux magħruf.

Ir-Regolament jipprovdi wkoll il-qafas għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tnaqqis tal-qabdiet inċidentali ta' għasafar tal-baħar fl-irkaptu tas-sajd[20] u jipprovdi l-possibbiltajiet biex l-Istati Membri jadottaw miżuri għall-ilmijiet tagħhom jew fil-kuntest reġjonali, bħala mezz biex jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-objettiv u l-miri tar-Regolament.

Fit-3 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni adottat regolament ta' implimentazzjoni dwar l-apparat akustiku deterrenti[21]. Żewġ gruppi reġjonali ta' Stati Membri qed jaħdmu fuq miżuri biex

[15] Pereżempju, il-bumerin, id-denfil iswed tal-Baltiku(*Phocoena phocoena*), il-garnija tal-Baleariku, il-pixxiplamtu, l-ixkatlu komuni, il-manta u r-raj tal-qrun, ir-rebekkin skur u r-rajja tal-farfett.
[16] STECF 20-02 , https://stecf.jrc.ec.europa.eu/web/stecf/ewg2002, paġna 151 *et seq.*
[17] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2004 tas-26 ta' April 2004 li jippreskrivi miżuri li jikkonċernaw qabdiet inċidentali ta' ċetaċji fil-meded (żoni) tas-sajd u jemenda r-Regolament (KE) Nru 88/98 (ĠU L 150, 30.4.2004, p. 12).
[18] https://datacollection.jrc.ec.europa.eu/
[19] ICES. (2020). Il-qbid inċidentali ta' vertebrati tal-baħar protetti u potenzjalment vulnerabbli – ir-rieżami tar-rapporti nazzjonali skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2004 u informazzjoni oħra. Fir-Rapport tal-Kumitat Konsultattiv tal-ICES, 2020. ICES Advice 2020, byc.eu, https://doi.org/10.17895/ices.advice.7474
[20] COM(2012) 0665 final.
[21] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/967 tat-3 ta' Lulju 2020 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-karatteristiċi tas-sinjal u tal-implimentazzjoni ta' apparat akustiku deterrenti kif imsemmi fil-Parti A tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi (ĠU L 213, 6.7.2020, p. 4).

jipproteġu l-*Phocoena phocoena* li qiegħda f'periklu kritiku u d-denfil komuni fil-Golf tal-Biskalja abbażi tal-parir tal-ICES f'Mejju 2020[22]. Xi Stati Membri użaw il-possibbiltà skont ir-Regolament li jistabbilixxu miżuri nazzjonali, pereżempju aktar monitoraġġ jew azzjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet.

Il-partijiet ikkonċernati[23] identifikaw in-nuqqasijiet fil-miżuri ta' mitigazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament, u fil-lista ta' speċijiet ipprojbiti stabbilita fl-Anness I. Il-partijiet ikkonċernati esprimew aktar tħassib dwar in-nuqqas ta' azzjoni u n-nuqqas ta' żvilupp ta' aktar miżuri, fosthom in-nuqqas ta' monitoraġġ elettroniku[24], milli dwar il-kontenut tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament li attwalment japplikaw. L-Istati Membri ma wrewx tħassib kbir dwar id-dispożizzjonijiet legali. Għadd ta' Stati Membri rrikonoxxew il-ħtieġa għal aktar monitoraġġ biex jitħejjew miżuri abbażi ta' informazzjoni kompluta.

Biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament, il-Kummissjoni, fil-pjan ta' azzjoni tagħha, se tidentifika azzjonijiet biex iżżid is-selettività u tnaqqas il-qbid inċidentali ta' speċijiet sensittivi, b'enfażi fuq dawk mhedda b'estinzjoni u fi stat ta' konservazzjoni mhux favorevoli.

Is-sajd jista' jkollu impatt fuq l-ekosistemi u l-ħabitats lil hinn mill-estrazzjoni tal-ispeċijiet mistada u tal-ispeċijiet sensittivi. Il-firxa ta' dan l-impatt tvarja skont l-intensità tas-sajd, il-ħabitats fejn iseħħ is-sajd, u l-ispeċijiet fil-mira inkwistjoni. Il-PKS tfittex li tnaqqas kemm jista' jkun dawn l-impatti. L-impatti jvarjaw ukoll skont it-tip ta' rkaptu: it-tkarkir tal-qiegħ jista' jaffettwa s-sedimenti, il-porożità vertikali u l-kontenut ġeokimiku ta' qiegħ il-baħar, inaqqas il-kumplessità tal-ħabitat u jibdel il-kompożizzjoni tal-ispeċijiet. Is-sajd bil-konz (b'mod partikolari fir-reġjuni ultraperifiċi) jista' jitħabbel mal-qroll u jaqsmu.

L-Artikolu 12 tar-Regolament għandu l-għan ukoll li jipproteġi **l-ħabitats sensittivi** billi jispeċifika ż-żoni fejn hu pprojbit ċertu rkaptu tas-sajd. Dan jista' jiġi emendat permezz tar-reġjonalizzazzjoni f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11(2) u (3) tar-Regolament tal-PKS. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu wkoll żoni magħluqa jew miżuri oħrajn ta' konservazzjoni permezz ta' miżuri nazzjonali, jew permezz tar-reġjonalizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament.

Ċerti projbizzjonijiet fuq l-irkaptu tas-sajd diġà huma fis-seħħ biex jiġu protetti ħabitats sensittivi, bħall-użu ta' splussivi, strumenti perkussivi, gangmi u gafef għall-ġbir tal-qroll, irkaptu tat-tkarkir użat aktar fond minn 800 m[25]. Jeżistu aktar regoli skont ir-Regolament tal-Mediterran[26], li jipprojbixxu s-sajd b'irkaptu mobbli 'l fuq mill-mergħat tal-ħaxix tal-baħar, il-ħabitats tal-qroll u l-mergħat tal-maerl. Barra minn hekk, l-użu ta' gangmi għall-qbid tal-isponoż, ta' rkaptu rmunkat u ta' tartaruni tal-borża huwa pprojbit fiż-żoni kostali (jistgħu

[22] https://www.ices.dk/sites/pub/Publication%20Reports/Advice/2020/Special_Requests/eu.2020.04.pdf
[23] Abbażi tat-tweġibiet li waslu għall-konsultazzjoni online. Ara l-Anness I tal-SWD ta' akkumpanjament.
[24] Eż. it-televiżjoni b'ċirkwit magħluq ('CCTV'), u l-monitoraġġ elettroniku mill-bogħod (REM)
[25] L-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2016/2336 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi kondizzjonijiet speċifiċi għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond fl-Atlantiku tal-Grigal u dispożizzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 1–19).
[26] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).

japplikaw kundizzjonijiet u derogi speċifiċi). Ir-restrizzjonijiet japplikaw ukoll għall-irkaptu li jista' jintuża fis-sajd rikreattiv tal-Mediterran, fejn l-użu ta' xbieki rmunkati, xbieki tat-tidwir, xbieki tat-tartarun, gangmi, u xbieki statiċi huwa pprojbit.

Għaddejja ħidma xjentifika biex tiġi mmappjata d-distribuzzjoni ta' tipi differenti ta' ħabitats ta' qiegħ il-baħar u l-impatti tal-attivitajiet tas-sajd fuqhom jew 'il fuq minnhom. Din se tippermetti valutazzjoni taż-żoni fejn il-bijodiversità hija fl-akbar riskju u fejn huma l-aktar meħtieġa miżuri protettivi. L-STECF[27] enfasizza tagħmir tas-sajd alternattiv bil-potenzjal li jnaqqas l-impatti fuq qiegħ il-baħar: xibka tat-tkarkir b'impulsi elettriċi, diriġenti semipelaġiċi, pannelli tar-rilaxx bentiku, xbieki tas-sajd bil-kalamenti taċ-ċomb mgħollija, irkaptu tal-qiegħ artab u gangmi elettriċi għall-gandoffli.

Il-konsultazzjoni pprovdiet l-informazzjoni dwar l-azzjonijiet li diġà ttieħdu jew li qed jiġu żviluppati mill-Istati Membri u kienet għaddejja ħidma fil-gruppi reġjonali biex jiġu żviluppati miżuri ta' protezzjoni tal-ħabitat, li jikkomplementaw il-miżuri li qed jittieħdu mill-Istati Membri individwalment biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE.

F'konformità mal-impenn fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, il-Kummissjoni, fil-pjan ta' azzjoni tagħha, se tidentifika miżuri biex tillimita l-użu ta' rkaptu tas-sajd li l-aktar jagħmel ħsara lill-bijodiversità, inkluż f'qiegħ il-baħar, u biex tesplora modi biex tittejjeb l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni tas-sajd b'mod partikolari f'siti ta' Natura 2000 u f'żoni oħra protetti tal-baħar.

5. Riċerka xjentifika, innovazzjoni u proġetti pilota

Ir-Regolament jiffaċilita r-riċerka xjentifika u l-parteċipazzjoni tas-setturi tas-sajd f'attivitajiet xjentifiċi. L-Istati Membri jistgħu jingħataw derogi għar-riċerka xjentifika dwar l-operazzjonijiet tas-sajd meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet meħtieġa previsti fl-Artikolu 25(1), il-punti (a) sa (f) tar-Regolament. Mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament, 17-il Stat Membru infurmaw lill-Kummissjoni b'67 operazzjoni tas-sajd imwettqa għal investigazzjonijiet xjentifiċi. Waslu żewġ applikazzjonijiet għal riċerka xjentifika li tinvolvi aktar minn sitt bastimenti kummerċjali u b'hekk huma soġġetti għal skrutinju speċifiku. Fuq parir mill-STECF[28] il-Kummissjoni kkonkludiet li fiż-żewġ każijiet il-livell ta' parteċipazzjoni ma kienx iġġustifikat għal raġunijiet xjentifiċi u għalhekk l-Istati Membri kienu meħtieġa jemendaw il-kundizzjonijiet tar-riċerka xjentifika kif xieraq.

L-Artikolu 20 tar-Regolament jinkludi wkoll il-possibbiltà li permezz tar-reġjonalizzazzjoni l-Istati Membri jippermettu l-użu ta' rkaptu tas-sajd innovattiv. Sabiex jgħin f'dan il-proċess, l-ICES ipproduċa valutazzjoni ta' rkaptu innovattiv. Filwaqt li jistgħu jiġu ppreżentati

[27] Ara l-paġna 189 ta' STECF – Review of technical measures (il-parti 1) (STECF-20-02). EUR 28359 EN, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2020, ISBN 978-92-76-27161-1, doi:10.2760/734593, JRC123092.

[28] Talba mill-Kroazja ta' awtorizzazzjoni xjentifika tas-sajd għal aktar minn 6 bastimenti volantina fl-ilmijiet tal-Punent tal-Istria (2019), STECF 20-03, u talba mill-Italja ta' awtorizzazzjoni xjentifika tas-sajd għal aktar minn 6 bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-kosta fl-ilmijiet territorjali tal-Italja mmirati (talba tal-Italja għal riċerka xjentifika dwar is-"SARDELLA" (*S. pilchardus*) fil-Liguria (GSA 9), STECF 20-02

konklużjonijiet preliminari fuq din il-bażi[29], kemm l-ICES kif ukoll l-STECF enfasizzaw il-ħtieġa li l-valutazzjoni tkompli tiġi żviluppata aktar fil-fond, b'mod partikolari biex jitqiesu aħjar il-fatturi soċjoekonomiċi li għandhom rwol importanti fir-rigward tal-użu tal-irkaptu innovattiv mis-settur tas-sajd.

Filwaqt li l-Artikolu 23 tar-Regolament jipprevedi l-possibbiltà li jiġu definiti proġetti pilota biex tiġi żviluppata sistema ta' dokumentazzjoni sħiħa tal-qabdiet u tal-qabdiet skartati abbażi ta' objettivi li jistgħu jitkejlu, l-ebda wieħed mill-gruppi reġjonali ma ppreżenta rakkomandazzjonijiet konġunti għal dan il-għan.

Fil-punt 2 tal-Anness XIII, ir-Regolament jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jieħdu l-passi meħtieġa biex jiġbru d-*data* xjentifika dwar qabdiet inċidentali ta' speċijiet sensittivi, u dan għadu mhux qed isir biżżejjed.

Filwaqt li tqis li t-tekniki innovattivi jistgħu jikkontribwixxu għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u għall-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-objettivi tal-2030, il-Kummissjoni, fil-pjan ta' azzjoni tagħha, se tidentifika modi biex tħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati u lill-Istati Membri jesploraw il-possibbiltajiet sa fejn ikun possibbli u jagħmlu użu mill-opportunitajiet kollha disponibbli.

6. Implimentazzjoni tar-Regolament

Għalkemm għadu kmieni wisq biex titwettaq valutazzjoni komprensiva tal-implimentazzjoni tar-Regolament, l-evidenza turi li tqajjem xi tħassib minħabba l-istruttura reġjonalizzata l-ġdida u n-nuqqas ta' definizzjonijiet dettaljati. Għaddejja ħidma biex l-Istati Membri jiġu ggwidati fl-implimentazzjoni tagħhom u fl-ispeċifikazzjoni ulterjuri tagħhom permezz tal-approċċ reġjonalizzat u permezz tar-regolament ta' implimentazzjoni futur.

Minbarra l-implimentazzjoni nazzjonali, il-metodu ewlieni għall-implimentazzjoni huwa l-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet konġunti minn gruppi reġjonali bil-konsulenza tal-partijiet ikkonċernati biex jiġu stabbiliti l-miżuri tekniċi reġjonali meħtieġa. F'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament, il-miżuri proposti f'tali rakkomandazzjonijiet konġunti, meta jkunu kompatibbli mal-objettivi u mal-obbligi rilevanti, jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati.

Il-ħidma li twettqet s'issa tagħti impressjoni tal-proċess u turi li l-Istati Membri tabilħaqq qed jaħdmu flimkien biex jikkomplementaw u jadattaw miżuri għall-ħtiġijiet reġjonali tagħhom. U turi wkoll li normalment jirnexxielhom jaqblu dwar miżuri relattivament malajr meta tali miżuri jkunu mmirati biex jirfinaw ir-regoli f'konformità mar-regolamenti applikabbli preċedentement. Il-kooperazzjoni tal-Istati Membri fir-reġjonalizzazzjoni tidher li hija effettiva wkoll meta tikkonċerna rakkomandazzjonijiet konġunti li għandhom l-għan li jipprevedu d-derogi mill-obbligu ta' ħatt l-art kif previst fl-Artikolu 15 tar-Regolament dwar il-PKS u pjanijiet pluriennali speċifiċi reġjonali. Madankollu, jeżista t-tħassib f'termini tal-veloċità u tal-ambizzjoni fir-rigward tal-iżvilupp u l-qbil fuq rakkomandazzjonijiet konġunti dwar miżuri mmirati lejn it-titjib tas-selettività jew ir-restrizzjoni tas-sajd bil-għan li

[29] https://www.ices.dk/news-and-events/news-archive/news/Pages/InnovativeFishingGear.aspx

jikkontribwixxu għal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE. Ir-Regolament tabilħaqq jirrikjedi li l-Istati Membri[30] jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti għal miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali bħala riżultat tal-evidenza xjentifika tal-impatti negattivi tal-irkaptu tas-sajd fuq speċijiet sensittivi. Pereżempju, sal-lum, tressqu biss żewġ rakkomandazzjonijiet konġunti mill-Istati Membri għal miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali bħala riżultat tal-evidenza xjentifika tal-impatti negattivi tal-irkaptu tas-sajd fuq speċijiet sensittivi kif meħtieġ mir-Regolament

Kif kien enfasizzat fil-Komunikazzjoni riċenti tal-Kummissjoni "Lejn sajd aktar sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2022"[31], il-pandemija tal-COVID-19 kellha effett fuq iż-żmien u t-tħejjija ta' xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet konġunti. Middħul fis-seħħ tar-Regolament, ġew proposti 17-il rakkomandazzjoni konġunta[32] mill-gruppi reġjonali tal-Istati Membri li minnhom 6 ġew implimentati f'leġiżlazzjoni permezz ta' att delegat tal-Kummissjoni. Oħrajn għadhom pendenti għall-adozzjoni, taħt valutazzjoni mill-STECF, jew qed jiġu kkunsidrati mill-ġdid biex jittejbu fid-dawl tal-parir xjentifiku miksub. F'termini tal-ispeċifiċità reġjonali, ir-rakkomandazzjonijiet konġunti ressqu varjetà wiesgħa ta' miżuri, ħtiġijiet u approċċi. Xi wħud għandhom l-għan li jinkludu miżuri tekniċi fi pjanijiet ġodda għall-iskartar tal-ħut, oħrajn jinkludu miżuri tekniċi biss.

L-Artikolu 7 tar-Regolament jipprojbixxi attivitajiet b'effetti li huma speċjalment dannużi fuq l-ambjent inkluż, mill-1 ta' Lulju 2021, is-sajd b'tagħmir b'impuls elettriku. Fuq talba tan-Netherlands, f'Mejju 2020 l-ICES ta l-parir li kien hemm diversi effetti pożittivi għall-ekosistema u għall-ambjent mill-użu ta' dan l-irkaptu, għalkemm għad hemm xi inċertezzi[33]. In-Netherlands ressqu rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-annullament tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament li jipprojbixxi s-sajd bl-impulsi elettriċi. Din it-talba ċċaħdet mill-Qorti fil-15 ta' April 2021[34]. Ir-Regolament jippermetti u jinkoraġġixxi l-investigazzjonijiet xjentifiċi bħala mezz possibbli biex jiġi żviluppat l-għarfien u biex jiġu infurmati valutazzjonijiet futuri.

7. Konklużjoni

Ir-Regolament jipprovdi l-qafas meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-PKS u jikkontribwixxi b'mod effettiv għal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, permezz ta' applikazzjoni diretta iżda l-aktar billi jipprovdi l-għodod meħtieġa lill-Istati Membri biex jadottaw il-miżuri tas-sajd.

Madankollu, jeżistu n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tar-Regolament f'dak li jikkonċerna l-kontribut tiegħu għall-protezzjoni ta' speċijiet sensittivi u ħabitats sensittivi, meta hemm xi speċijiet qrib l-estinzjoni. L-isforzi għall-monitoraġġ tal-effetti tas-sajd fuq l-ekosistemi jeħtieġu titjib sostanzjali. Ir-Regolament jipprovdi l-istrumenti leġiżlattivi lill-Istati Membri biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet u jikkomplementaw l-implimentazzjoni tagħhom tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE b'miżuri tas-sajd adottati skont ir-reġjonalizzazzjoni u issa

[30] L-Anness XIII, punt 3.

[31] KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Lejn sajd aktar sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2022. COM/2021/279 final.

[32] Iċ-ċifra finali li trid tiġi aġġornata qabel l-adozzjoni.

[33] ICES, 2020. https://www.ices.dk/news-and-events/news-archive/news/Pages/PulseTrawlAdvice.aspx

[34] Is-sentenza tal-15 ta' April 2021 , *In-Netherlands vs Il-Kunsill u l-Parlament*, C-733/19, ECLI:EU:C:2021:272

hija r-responsabbiltà tagħhom li jagħmlu dan. Għalkemm l-Istati Membri bdew iressqu rakkomandazzjonijiet konġunti, jeħtieġ li jsir aktar. Jenħtieġ li l-partijiet ikkonċernati jitħeġġu wkoll jipparteċipaw f'dan il-proċess.

Id-diversità ta' rakkomandazzjonijiet konġunti li diġà tressqu turi li r-reġjonalizzazzjoni hija effettiva u xierqa ħafna biex tipprovdi miżuri tekniċi mmirati u mfassla apposta. L-Istati Membri wrew li l-kooperazzjoni reġjonali tista' tkun rapida u effiċjenti. Madankollu, jeħtieġ li jsir titjib f'termini tal-livell tal-veloċità u tal-ambizzjoni fir-rigward tal-iżvilupp u l-qbil ta' rakkomandazzjonijiet konġunti dwar miżuri mmirati lejn it-titjib tas-selettività jew lejn ir-restrizzjoni tas-sajd bil-għan li jikkontribwixxu għal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, u l-Kummissjoni se tkompli tipprovdi l-appoġġ u l-gwida kollha meħtieġa biex tiżgura li l-objettivi ambjentali jiġu indirizzati kif xieraq f'rakkomandazzjonijiet konġunti.
Filwaqt li żżomm f'moħħha l-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, il-Kummissjoni se tikkomplementa r-rapport attwali bħala parti mill-pjan ta' azzjoni għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar biex tkompli ttejjeb l-implimentazzjoni tar-Regolament u tisfrutta bis-sħiħ ir-rabtiet bejn il-politiki tas-sajd u dawk ambjentali.